MALTA

# SMALL CLAIMS TRIBUNAL

## ADJUDICATOR
## DOREEN CLARKE

Sitting of the 28 th September, 2005

Talba Number. 1489/2005

It-Tribunal

Ra l-Avviz f'l-ismijiet premessi prezentat fit-12 ta' Lulju 2005 li permezz tieghu s-socjeta attrici tablet hlas tas-somma ta' sebgha mija u erbgha liri Maltin u hamsa u hamsin centezmu (Lm704.55) liema ammont huwa dovut kwantu ghal tlett mija u disgha u hamsin lira Maltija u hamsa u tletin centezmu (Lm359.35) ma' servizz telefoniku li jgib numru 21661223 u in kwantu ghall-amont ta' tlett mija hamsa u erbghin lira Maltija u ghoxrin centezmu (Lm345.20) ma' servizz telefoniku li jgib in-numru 21800932 liema servizz gie stallat fil-fond flt/15 Triq Felic Cospicua skond diversi kontijiet mibghuta, b'l-imghaxx u b'l-ispejjez.

Ra n-nota ta' Mistoqsijiet ta'l-attur sabiex il-konvenuti iwiegbu ghalihom bil-gurament u b'hekk il-kreditu jigu pruvat ai termini ta' l-Artikoli 698(2) u 702 tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta' Malta u l-Artikolu 13 (b) tal-Kapitolu 380 tal-Ligijiet ta' Malta.

Ra li ghalkemm il-konvenuti gew notifikati b'l-avviz fil-5 ta' Awissu 2005, naqsu li jidhru meta gew prezentati l-Kapitoli u anke llum, u ghalhekk in-Nota ta' Mistoqsijiet tisthoqq li tkun emmnuta u ghandha tittiehed bhala mistqarra.

Ghaldaqstant, it-Tribunal jaqta u jiddeciedi billi jilqa t-talbiet attrici, u jikkundanna lill-konvenuti jhallsu s-somma ta' sebgha mija u erbgha liri Maltin u hamsa u hamsin centezmu (Lm704.55) b'l-imghaxx u b'l-ispejjez kif mitluba.

**< Final Judgement >**

--------------------------------END--------------------------------